**EŻAMIJIET ANNWALI**
**TAL-*JUNIOR LYCEUM* U L-ISKOLA SEKONDARJA 2005**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **IL-ĦAMES KLASSI** | **RELIĠJON** | **ĦIN: Siegħa u tliet kwarti** |
|---|---|---|

**Isem:** ______________________________________ **Klassi:** ___________

## TAQSIMA A **(20 marka)**

1. X'ġara f'Pentekoste (Għid il-Ħamsin)?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

2. X'tagħmel fina l-Magħmudija? Ikteb żewġ effetti.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

3. X'ifissru dawn l-oġġetti li jintużaw fil-Magħmudija u l-Griżma?

a. L-ilma (fil-Magħmudija) ____________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

b. Iż-żejt (fil-Griżma u fil-Magħmudija) ____________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

4. Fisser dawn iż-żewġ titli li aħna nagħtu lill-Madonna:

a. L-Immakulata Kunċizzjoni ____________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

b. L-Assunta (Santa Marija) ____________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

5. Semmi dokument tal-Knisja li jitkellem fuq ix-xogħol?

______________________________________________________________________ (2 marki)

6. Għaliex is-Sagrament taż-Żwieġ ma jistax jinħall?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

7. X'għandha tkun l-imġiba tagħna l-insara lejn l-ambjent li Alla fdalna f'idejna?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

8. Għaliex in-nisrani m'għandux jagħmel vendikazzjoni?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

## TAQSIMA B (40 marka)

**Aqra dawn is-siltiet u wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**

***1. Marija, tfajla ta' sbatax-il sena, kienet toħroġ ma' ġuvni u wara ftit xhur indunat li ħarġet tqila. Meta qalet lill-ġenituri tagħha, dawn irribellaw kontra tagħha. Qalulha ċar u tond li biex lilha jaċċettawha d-dar trid teħles minn din it-tarbija. Il-ġuvni wkoll ta x'tifhem li trid teħles mit-tarbija biex hu jkompli l-għerusija.***

a. X'tifhem bil-kelma 'abort'?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4 marki)

b. Għaliex il-Knisja tikkundanna l-abort?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4 marki)

ċ. Xi twieġeb bħala nisrani lil min jgħid li l-ħajja ġdida li tnisslet f'ġuf l-omm tista' titqies bħala parti mill-omm u għalhekk ħadd ma għandu d-dritt jindaħal x'tagħmel l-omm bil-ħajja privata tagħha?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4 marki)

d. Marija kienet obbligata tobdi lill-ġenituri tagħha? Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4 marki)

e. Quddiem din is-sitwazzjoni, kif taħseb li kellu jġib ruħu l-ġuvni mat-tfajla u mal-ġenituri tagħha biex ikun nisrani tajjeb?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ (4 marki)

f. X'kellha tkun id-deċizjoni ta' Marija bħala tfajla nisranija li trid tgħix skond it-tagħlim tal-Knisja?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ (4 marki)

***2. Pawlu, ġuvni ta' wieħed u għoxrin sena, kellu inċident ikrah bil-mutur. Sab ruħu l-isptar fi tbatija u uġigħ kbir. It-tobba kellmu 'l-ġenituri u qalulhom li Pawlu se jibqa' għal għomru f'qiegħ ta' sodda. Pawlu ma riedx ibati u xtaq itemm din it-tbatija. Il-ġenituri assolutament ma ridux u kienu lesti li jduru bih.***

a. X'tifhem il-Knisja bil-kelma 'ewtanasja'?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ (4 marki)

b. Għaliex il-Knisja tikkundanna l-ewtanasja?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

ċ. Għaliex Pawlu ried itemm ħajtu? Għaliex m'għandux jagħmel dan?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ (4 marki)

d. Liema kmandament jikser Pawlu jekk jagħmel dak li jixtieq?

________________________________________________________________ (2 marki)

e. Xi tkun qed tagħmel ħażin dik il-persuna li biex tħenn għal Pawlu ttemmlu ħajtu?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ (4 marki)

**TAQSIMA Ċ** **(40 marka)**

**Agħżel ŻEWĠ mistoqsijiet minn 1 sa 4 u wieġeb fit-tul fuq karta separata.**

1. **Il-Ħajja: rigal li l-bniedem irid jgħożż.**

   a. Ikteb ***żewġ*** ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesù biex turi li Ġesù kien iqis is-saħħa u l-ħajja tal-bniedem bħala rigal li wieħed għandu jgħożż. (2 x 4 marki)

   b. Kristu jiltaqa' mal-marid fis-Sagrament tal-Morda. Fisser. (6 marki)

   ċ. Ikteb dwar ***żewġ*** sitwazzjonijiet li rridu naħarbu biex nieħdu ħsieb ħajjitna. (2 x 3 marki)

2. **Il-bniedem inħalaq mill-imħabba għall-imħabba.**
   "Jiena N……nieħu lilek N…. b'marti (żewġi) u nwiegħedek li nżomm ruħi
   (i) ***fidil/a lejk,***
   (ii) ***fir-riżq it-tajjeb u l-ħażin,***
   (iii) ***fil-mard u fis-saħħa*** u
   (iv) ***li nħobbok u nirrispettak tul ħajti kollha."***

   a. Fisser dawn l-erba' frażijiet, waħda waħda, li l-għarajjes iwiegħdu lil xulxin fis-Sagrament taż-Żwieġ. (4 x 4 marki)

   b. X'valur għandha l-ħajja tan-nisrani li ma jiżżewwiġx? (4 marki)

3. **Bix-xogħol il-bniedem jissieħeb m'Alla fil-ħolqien u jiżviluppa lilu nnifsu.**

   a. Ix-xogħol għandu aktar minn skop wieħed. Semmi ***tnejn*** minn dawn l-iskopijiet u fissirhom. (2 x 4 marki)

   b. Semmi u ikteb dwar ***żewġ drittijiet*** u ***żewġ dmirijiet*** li għandu l-ħaddiem fil-qasam tax-xogħol. (4 x 3 marki)

4. **"Il-Kuxjenza" – il-qalba l-aktar intima tal-bniedem.**

   a. Kif tista' tibni kuxjenza nisranija biex
      (i) ***tagħraf tagħżel it-tajjeb*** u
      (ii) ***tagħmlu.*** (2 x 4 marki)

   b. Fil-formazzjoni tal-kuxjenza tagħna niltaqgħu ma' xi tfixkil bħal:

      l-injoranza, id-drawwiet ħżiena, it-tentazzjonijiet, il-ħbieb tagħna

      **Ikteb dwar kull waħda minn dawn**. (4 x 3 marki)